Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0211

Estensjoni tad-deroga għal vetturi tqal mingħajr emissjonijiet

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2025 drwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqsa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet biexjitħallsu (COM(2025)0348 – C10-0130/2025 – 2025/0188(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0348),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0130/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2025[1],

– wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Settembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0188

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-7 ta' Ottubru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi tqal b’emissjonijiet zero jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqsa b’mod sinifikanti ta’ tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet milli jitħallsu

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2025/2459.)